VERŻJONI ELETTRONIKA



**A.L. 25 tal-2013**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

## Ordni tal-2013 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Ir-Renju tal-Għarabja Sawdita)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2013 dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-*Income*) (Ir-Renju tal-Għarabja Sawdita).

Arranġamenti jkollhom effett.

**2.** B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mal-Gvern tar-Renju tal-Għarabja Sawdita sabiex jagħtu ħelsien minn taxxa doppja dwar it-taxxi li ġejjin imposti bil-liġijiet tar-Renju tal-Għarabja Sawdita:

(i) iż-Żakat; u

(ii) it-taxxa fuq l-*income* li tinkludi t-taxxa fuq l-investiment dwar gass naturali;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett;

(ċ) illi l-Ftehim beda jseħħ fl-1 ta' Diċembru 2012.

B 412

SKEDA

(Artikolu 2)

FTEHIM
BEJN
IL-GVERN TA' MALTA
U
IL-GVERN TAR-RENJU TAL-GĦARABJA SAWDITA
GĦALL-EVITAR TA' TAXXA DOPPJA U L-PREVENZJONI
TA' EVAŻJONI FISKALI DWAR TAXXI FUQ L-*INCOME*

Il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Renju tal-Għarabja Sawdita, billi jixtiequ jagħmlu Ftehim għall-evitar ta' taxxa doppja dwar taxxi fuq l-income, ftehmu kif ġej:

Artikolu 1

PERSUNI KOPERTI

Dan il-Ftehim għandu japplika għal persuni li jkunu residenti fi Stat Kontraenti wieħed jew fit-tnejn li huma.

Artikolu 2

TAXXI KOPERTI

1. Dan il-ftehim għandu japplika għat-taxxi fuq l-*income* imposti f'isem Stat Kontraenti jew is-sottodiviżjonijiet amministrattivi jew awtoritajiet lokali tiegħu, irrispettivament mill-mod kif dawn jinġabru.

2. Għandhom jitqiesu bħala taxxi fuq l-*income* it-taxxi kollha imposti fuq l-*income* totali, jew fuq elementi ta' *income*, inklużi taxxi fuq qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli jew immobbli u taxxi fuq l-ammonti totali ta' pagi u salarji li jitħallsu minn impriżi.

3. It-taxxi eżistenti li għalihom japplika dan il-Ftehim huma partikolarment:

(a) fil-każ ta' Malta:

it-taxxa fuq l-*income*;

(hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "it-taxxa ta' Malta");

(b) fil-każ tar-Renju tal-Għarabja Sawdita:

- iż-Żakat;

- it-taxxa fuq l-*income* li tinkludi t-taxxa fuq l-investiment dwar gass naturali

(hawnhekk iżjed ’il quddiem imsejħa "it-taxxa Saudi").

4. Id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-Ftehim għandhom japplikaw wkoll għal kull taxxa identika jew sostanzjalment simili li tiġi imposta mill-iStati Kontraenti wara d-data meta jiġi ffirmat dan il-Ftehim b’żjieda ma’, jew minflok, it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jgħarrfu lil xulxin b’kull tibdil sostanzjali li jkun sar fil-liġijiet dwar it-taxxi rispettivi tagħhom.

Artikolu 3

TIFSIRIET ĠENERALI

1. Għall-għanijiet ta’ dan il-Ftehim, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort’oħra:

(a) il-frażi "Malta" tfisser ir-Repubblika ta’ Malta u, meta din tiġi użata f’sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta’ Malta, il-Gżira ta’ Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, kif ukoll kull żona ta’ qiegħ il-baħar, is-sottoswol tiegħu u l-kolonna ta’ baħar sovrajaċenti li tinsab adjaċenti għall-ibħra territorjali, fejn Malta għandha drittijiet sovrani, ġurisdizzjoni, jew kontroll kif hemm fid-dritt internazzjonali u d-dritt nazzjonali tagħha, inkluża l-leġislazzjoni tagħha għar-rigward tal-esplorazzjoni tal-blata kontinentali u l-esplojtazzjoni tar-riżorsi naturali tagħha;

(b) il-frażi "Renju tal-Għarabja Sawdita" tfisser it-territorju tar-Renju tal-Għarabja Sawdita li jinkludi wkoll iż-żona barra l-ibħra territorjali, fejn ir-Renju tal-Għarabja Sawdita jeżercita s-sovranità tiegħu u drittijiet ġurisdizzjonali fl-ibħra tagħhom, f’qiegħ il-baħar, fis-sottoswol u r-riżorsi naturali bis-saħħa tad-dritt tagħha u d-dritt internazzjonali;

(ċ) il-frażijiet "Stat Kontraenti" u "l-iStat Kontraenti l-ieħor" ifissru Malta jew ir-Renju tal-Għarabja Sawdita, kif teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

(d) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpannija u kull korp ta’ persuni ieħor inkluż l-iStat u s-sottodiviżjonijiet amministrattivi tiegħu jew awtoritajiet lokali;

(e) il-frażi "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull entità li tkun ittrattata bħala korp magħqud għall-iskopijiet ta’ taxxa;

(f) il-frażi "impriża ta’ Stat Kontraenti" u "impriża tal-iStat Kontraenti l-ieħor" ifissru rispettivament impriża ġestita minn residenti ta’ Stat Kontraenti u impriża ġestita minn residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor;

(g) il-frażi "traffiku internazzjonali" tfisser kull trasport permezz ta' bastiment jew b'inġenji tal-ajru mħaddma minn impriża ta' Stat Kontraenti li għandu il-post ta' tmexxija effettiva tiegħu fi Stat Kontraenti, ħlief meta l-bastiment jew l-inġenji tal-ajru jkunu unikament imħaddma bejn postijiet fl-iStat Kontraenti l-ieħor;

(h) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-każ ta' Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(ii) fil-każ tar-Renju tal-Għarabja Sawdita, il-Ministeru tal-Finanzi rappreżentat mill-Ministru tal-Finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(i) il-frażi "ċittadin" tfisser:

(i) kull individwu li jkollu ċ-ċittadinanza ta' Stat Kontraenti;

(ii) kull persuna ġuridika, soċjetà jew assoċjazzjoni li jiksbu l-istatus tagħhom bħala tali mil-liġijiet li jkunu fis-seħħ fi Stat Kontraenti.

2. Għar-rigward tal-applikazzjoni tal-Ftehim f'kull żmien minn Stat Kontraenti, kull frażi li ma tkunx imfissra fih għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira mogħtija lilha f'dak il-waqt taħt il-liġi ta' dak l-iStat għall-finijiet tat-taxxi li dwarhom ikun japplika l-Ftehim, hekk li tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa li japplikaw f'dak l-iStat tkun tipprevali fuq xi tifsira mogħtija lil dik il-frażi taħt liġijiet oħra ta' dak l-iStat.

## Artikolu 4

## RESIDENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "residenti ta' Stat Kontraenti" tfisser kull persuna li, taħt il-liġijiet ta' dak l-iStat, tkun soġġetta għat-taxxa hemmhekk minħabba fid-domiċilju tagħha, ir-residenza, il-post tal-inkorporazzjoni, il-post ta-maniġġ jew kull kriterju ieħor ta' xorta bħal dawk, u tinkludi wkoll dak l-iStat u kull sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu. Din il-frażi, madankollu, ma tinkludix lil xi persuna li tkun soġġetta għat-taxxa f'dak l-iStat għar-rigward biss ta' *income* minn għejjun f'dak l-iStat.

2. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, individwu jkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura l-istatus tiegħu għandu jiġi stabbilit kif ġej:

(a) huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-iStat li fih ikollu dar permanenti għad-dispożizzjoni tiegħu; jekk huwa jkollu dar permanenti

għad-dispożizzjoni tiegħu fiż-żewg Stati, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-iStat li miegħu r-relazzjonijiet tiegħu personali u ekonomiċi jkunu l-aktar marbuta (ċentru ta' interessi vitali);

(b) jekk l-iStat li fih huwa jkollu ċ-ċentru ta' interessi vitali ma jkunx jista' jiġi stabbilit, jew jekk huwa ma jkollux għad-dispożizzjoni tiegħu dar permanenti f'xi Stat minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti biss tal-iStat li fih ikun soltu jirrisjedi;

(ċ) jekk huwa soltu jirrisjedi fiż-żewg Stati jew f'ebda wieħed minnhom, huwa għandu jitqies li jkun residenti tal-iStat Kontraenti biss li jkun ċittadin tiegħu;

(d) jekk huwa jkun ċittadin taż-żewg Stati jew ta' ebda wieħed minnhom, l-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jiddeċiedu l-każ bi ftehim bejniethom.

3. Meta minħabba fid-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, persuna li ma tkunx individwu tkun residenti taż-żewg Stati Kontraenti, allura dak l-individwu għandu jitqies bħala residenti biss fl-iStat fejn ikun jinsab il-post ta' maniġġ effettiv tiegħu.

## Artikolu 5

## STABBILIMENT PERMANENTI

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, il-frażi "stabbiliment permanenti" tfisser post tan-negozju fiss li minnu jitmexxa l-kummerċ ta' impriża għalkollox jew f'parti minnu.

2. Il-frażi "stabbiliment permanenti" b'mod speċjali tinkludi:

(a) post ta' maniġġ;

(b) fergħa;

(ċ) uffiċċju;

(d) fabbrika;

(e) ħanut tax-xogħol; u

(f) kull post ieħor ta' estrazzjoni ta' riżorsi naturali.

3. Il-frażi "stabbiliment permanenti" tinkludi wkoll:

(a) art li tkun qegħda tinbena, proġett ta' kostruzzjoni, assemblaġġ jew proġett ta' stallazzjoni, jew attivitajiet ta' sorveljanza, li jkollhom

x'jaqsmu ma' dan, iżda biss meta dik l-art, proġett jew attivitajiet ikomplu għaddejjin għal perjodu ta' aktar minn sitt xhur;

(b) l-għoti ta' servizzi, inklużi servizzi ta' konsulenza, minn impriża permezz ta' impjegati jew persunal ieħor imqabbad mill-impriża għal dak il-għan, iżda biss meta attivitajiet ta' dik in-natura ikomplu (għall-istess proġett jew wieħed li għandu x'jaqsam miegħu) fi Stat Kontraenti għal perjodu jew perjodi ta' iżjed minn 6 xhur f'perjodu wieħed ta' 12 il-xahar.

4. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-fraži "stabbiliment permanenti" għandha titqies li ma tinkludix:

(a) l-użu ta' faċilitajiet bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim ta' oġġetti jew merkanzija li jkunu jappartjenu lill-impriża;

(b) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ħżin, wiri jew tqassim;

(ċ) iż-żamma ta' ħażna ta' oġġetti jew merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża bl-iskop uniku ta' ipproċessar minn impriża oħra;

(d) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku ta' xiri ta' oġġetti jew ta' merkanzija, jew ta' ġbir ta' tagħrif, għall-impriża;

(e) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju bl-iskop uniku li tiġi ġestita, għall-impriża, kull attività ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(f) iż-żamma ta' post fiss ta' negozju unikament biex tkun tista' ssir xi kombinazzjoni ta' attivitajiet imsemmija fis-subparagrafi (a) sa (e), sakemm l-attività kollha tal-post tan-negozju fiss li tirriżulta minn din il-kombinazzjoni tkun waħda ta' xorta preparatorja jew awżiljarja;

(g) il-bejgħ ta' oġġetti jew ta' merkanzija li tkun tappartjeni lill-impriża murija f'xi fiera jew esibizzjoni temporanja okkażjonali wara l-għeluq tal-imsemmija fiera jew esibizzjoni.

5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, meta persuna - minbarra aġent bi status indipendenti li għaliha japplika l-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu - tkun qegħda taġixxi fi Stat Kontraenti f'isem xi impriża tal-iStat Kontraenti l-ieħor, u jkollha, u tkun abitwalment teżerċita, fi Stat Kontraenti awtorità li tagħmel kuntratti f'isem l-impriża, dik l-impriża għandha titqies li jkollha stabbiliment permanenti fl-iStat Kontraenti l-ewwel imsemmi fir-rigward ta' kull attività li dik il-persuna tagħmel għall-impriża, sakemm l-attivitajiet ta' dik il-persuna huma limitati għal dawk imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu illi, jekk dawn jiġu eżerċitati minn ġo post tan-negozju fiss, ma jkunux jirrendu lil dan il-post tan-negozju fiss bħala stabbiliment permanenti taħt id-dispożizzjonijiet ta' dak il-paragrafu.

6. Impriża ta' Stat Kontraenti m'għandhiex titqies li għandha stabbiliment permanenti fl-iStat Kontraenti l-ieħor biss minħabba li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor permezz ta' sensal, aġent b'kummissjoni ġenerali jew kull aġent ieħor bi status indipendenti, sakemm dawk il-persuni jkunu qegħdin jaġixxu fil-kors ordinarju tan-negozju tagħhom.

7. Il-fatt li kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tkun tikkontrolla jew tkun kontrollata minn kumpannija li tkun residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor, jew li tkun tiġġestixxi negozju f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor (sew permezz ta' stabbiliment permanenti sew xort'oħra), m'għandux fih innifsu jikkostitwixxi lil kumpannija waħda jew l-oħra stabbiliment permanenti tal-kumpannija l-oħra.

Artikolu 6

*INCOME* MINN PROPRJETÀ IMMOBBLI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn proprjetà immobbli (inkluż *income* mill-agrikoltura jew minn ħidma fil-boskijiet) li tkun tinsab fl-iStat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Il-frażi "proprjetà immobbli" għandu jkollha t-tifsira li għandha taħt il-liġi tal-iStat Kontraenti fejn tkun tinsab il-proprjetà involuta. Il-frażi għandha f'kull każ tkun tinkludi proprjetà aċċessorja għal proprjetà immobbli, bhejjem f'razzett u tagħmir li jintuża fl-agrikoltura u fil-ħidma fil-boskijiet, drittijiet li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-liġi ġenerali dwar il-proprjetà tal-art, l-użufrutt tal-proprjetà immobbli u drittijiet dwar ħlasijiet varjabbli jew fissi bħala korrispettiv għal ħidma fi, jew id-dritt li jinħadmu, depożiti minerali, għejjun u riżorsi oħra naturali. Bastimenti, dgħajjes u inġenji tal-ajru m'għandhomx jitqiesu bħala proprjetà immobbli.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal *income* li jinkiseb mill-użu dirett, kiri, jew użu b'kull mod ieħor ta' proprjetà immobbli.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 3 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll għal *income* minn proprjetà immobbli ta' impriża u għal *income* minn proprjetà immobbli użata għall-għemil ta' servizzi personali indipendenti.

Artikolu 7

PROFITTI MINN NEGOZJU

1. Il-profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat kemm-il darba l-impriża ma tkunx tmexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk. Jekk l-impriża tkun qegħda tmexxi negozju kif hawn aktar qabel imsemmi, il-profitti tal-impriża jistgħu jiġu intaxxati fl-iStat Kontraenti l-ieħor iżda biss għal dik il-parti

minnhom daqskemm tkun attribwibbli lil dak l-istabbiliment permanenti.

2. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, meta impriża ta' Stat Kontraenti tkun tmexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun qiegħed hemmhekk, għandhom f'kull Stat Kontraenti jiġu attribwiti lil dak l-istabbiliment permanenti l-profitti li kien ikun mistenni jagħmel kieku kien impriża distinta u separata li taħdem fl-istess attivitajiet jew oħrajn bħalhom taħt l-istess jew simili kundizzjonijiet u li taħdem għalkollox indipendentement mill-impriża li tagħha tkun stabbiliment permanenti.

3. Sabiex jiġu stabbiliti l-profitti ta' stabbiliment permanenti, għandhom ikunu permessi bħala tnaqqis dawk l-ispejjeż li jsiru għall-għanijiet tal-istabbiliment permanenti, inklużi l-ispejjeż eżekuttivi u amministrattivi ġenerali li jkunu saru, sew fl-iStat li fih ikun jinsab l-istabbiliment permanenti sew band'oħra. Iżda, ebda tali tnaqqis ma jkun permess fir-rigward ta' ammonti, jekk hemm, imħallsin (ħlief lejn rimbors ta' spejjeż attwali) mill-istabbiliment permanenti għall-uffiċċju ewlieni tal-impriża jew kwalunkwe mill-uffiċċji l-oħra tagħha, permezz ta' *royalties*, drittijiet jew ħlasijiet oħra simili bi tpattija għall-użu tal-privattivi jew drittijiet oħra, jew permezz ta' kummissjoni, għal servizzi speċifiċi mwettqa jew għall-immaniġġjar, jew, ħlief fil-każ ta' impriża bankarja, permezz ta' dħul minn pretensjonijiet ta' debitu fir-rigward ta' flejjes mislufa lill-istabbiliment permanenti. Bl-istess mod, m'għandux jittieħed, fid-determinazzjoni tal-profitti ta' stabbiliment permanenti, għall-ammonti imposti (ħlief lejn rimborż tal-ispejjeż attwali), mill-istabbiliment permanenti għall-uffiċċju ewlieni tal-impriża jew kwalunkwe mill-uffiċċji l-oħra tagħha, permezz ta' *royalties*, drittijiet jew ħlasijiet oħra simili bi tpattija għall-użu tal-privattivi jew drittijiet oħra, jew permezz ta' kummissjoni għal servizzi speċifiċi mwettqa jew għall-ġestjoni, jew, ħlief fil-każ ta' impriża bankarja, permezz ta' dħul minn pretensjonijiet ta' debitu fir-rigward ta' flejjes mislufa lill-uffiċċju ewlieni tal-impriża jew kwalunkwe mill-uffiċċji l-oħra tagħha.

4. Sakemm tkun il-konswetudni fi Stat Kontraenti li jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba fi tqassim tal-profitti totali tal-impriża lill-partijiet diversi tagħha, ebda ħaġa fil-paragrafu 2 m'għandha tipprekludi lil dak l-iStat Kontraenti milli jistabbilixxi l-profitti li għandhom jiġu intaxxati b'dak it-tqassim hekk kif tista' tkun il-konswetudni; il-metodu ta' tqassim li jiġi adottat għandu, madankollu, isir b'tali mod li r-riżultat ikun kif iridu l-prinċipji li jinsabu f'dan l-Artikolu.

5. Ebda profitti m'għandhom jiġu attribwiti lil stabbiliment permanenti minħabba biss f'li jsir ix-xiri minn dak l-istabbiliment permanenti ta' oġġetti jew merkanzija għall-impriża.

6. Għall-għanijiet tal-paragrafi ta' qabel, il-profitti li għandhom jiġu attribwiti lill-istabbiliment permanenti għandhom jiġu stabbiliti bl-istess metodu sena wara l-oħra kemm-il darba ma jkunx hemm raġuni tajba u suffiċjenti għaliex dan m'għandux isir.

7. Ebda ħaġa f'dan l-Artikolu ma għandu jaffettwa l-operat ta' xi liġi ta' Stat Kontraenti dwar taxxa imposta fuq *income* miksub minn persuni mhux residenti minn attivitajiet ta' assigurazzjoni.

8. Meta l-profitti jkunu jinkludu oġġetti ta' *income* li jkunu qegħdin jiġu trattati separatament f'Artikoli oħra ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dawk l-Artikoli m'għandhomx jintlaqtu bid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 8

TBAĦĦIR U TRASPORT BL-AJRU

1. Profitti ta' impriża ta' Stat Kontraenti mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti fejn ikun jinsab il-post ta' tmexxija effettiva tal-impriża.

2. Il-frażi "profitti miksuba mit-tħaddim ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru fi traffiku internazzjonali" tinkludi:

(i) profitti miksuba mill-kiri fuq bażi *full* (ħin jew vjaġġ) ta' bastiment jew inġenju tal-ajru użat fi traffiku internazzjonali;

(ii) profitti miksuba mill-kiri fuq bażi *bareboat* ta' bastiment jew inġenju tal-ajru użat fi traffiku internazzjonali;

(iii) profitti miksuba mill-użu jew kiri ta' *containers* jew tagħmir relatat użat fit-trasport internazzjonali li jkun inċidentali għal *income* mit-tħaddim internazzjonali ta' bastiment jew inġenju tal-ajru.

3. Jekk il-post ta' tmexxija effettiva ta' impriża ta' tbaħħir ikun abbord bastiment, allura għandha titqies li jkun sitwat fl-iStat Kontraenti li fih ikun jinsab il-port ta' ritorn tal-bastiment, jew, jekk ma jkunx hemm port ta' ritorn bħal dan, fl-iStat Kontraenti li fih ikun residenti l-operatur tal-bastiment.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 għandhom ukoll japplikaw għal profitti miksubin mill-parteċipazzjoni f'*pool*, negozju bi sħab jew aġenzija b'operat internazzjonali.

Artikolu 9

IMPRIŻI ASSOĊJATI

1. Meta

(a) impriża ta' Stat Kontraenti tipparteċipa direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża tal-iStat Kontraenti l-ieħor, jew

(b) l-istess persuni jipparteċipaw direttament jew indirettament fit-tmexxija, kontroll jew kapital ta' impriża ta' Stat Kontraenti u impriża tal-iStat Kontraenti l-ieħor,

u f'kull każ isiru jew jiġu imposti kondizzjonijiet bejn iż-żewg impriżi fir-relazzjonijiet kummerċjali jew finanzjarji tagħhom li ma jkunux jaqblu ma' dawk li kieku kienu jiġu magħmula bejn impriżi indipendenti, f'dak il-każ il-profitti li kieku kienu jakkumulaw, li ma kienx għal dawk il-kondizzjonijiet, għal xi waħda mill-impriżi, iżda, minħabba f'dawk il-kondizzjonijiet, ma jkunux hekk akkumulaw, jistgħu jiġu inklużi fil-profitti ta' dik l-impriża u intaxxati bħala tali.

2. Meta Stat Kontraenti jkun jinkludi fil-profitti ta' impriża ta' dak l-iStat - u bħala tali jintaxxa - profitti li fuqhom impriża tal-iStat Kontraenti l-ieħor tkun ġiet intaxxata f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor u l-profitti li jiġu hekk inklużi jkunu profitti li kienu jinqalgħu mill-impriża tal-ewwel Stat imsemmi li kieku l-kondizzjonijiet magħmulin bejn iż-żewg impriżi kienu dawk li kienu kieku jsiru bejn żewġ impriżi indipendenti, għaldaqshekk dak l-iStat l-ieħor għandu jagħmel aġġustament adatt fl-ammont tat-taxxa hemmhekk imposta fuq dawk il-profitti. Meta jkun qiegħed jiġi stabbilit dak l-aġġustament, għandhom jitqiesu kif dovut id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim u l-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jekk iqisu li jkun hekk meħtieġ jikkonsultaw lil xulxin.

## Artikolu 10

## DIVIDENDI

1. Dividendi mħallsa minn kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti lil residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Madankollu, dawk id-dividendi jistgħu ukoll jiġu intaxxati fl-iStat Kontraenti li l-kumpannija li tkun tħallas id-dividendi tkun residenti fih u kif hemm fil-liġijiet ta' dak l-iStat, iżda:

(a) meta d-dividenti jitħallsu minn kumpannija residenti tar-Renju tal-Għarabja Sawdita lill-residenti ta' Malta li huwa s-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa li hekk ikollha titħallas fir-Renju tal-Għarabja Sawdita m'għandhiex tkun ta' iżjed minn 5 fil-mija ta' ammont totali tad-dividenti;

(b) meta d-dividendi jitħallsu minn kumpannija residenti ta' Malta lil residenti tar-Renju tal-Għarabja Sawdita li huwa s-sid benefiċjarju tad-dividendi, it-taxxa ta' Malta fuq l-ammont totali tad-dividenti m'għandhiex tkun iżjed minn dik dovuta fuq il-profitti li minnhom tħallsu d-dividendi. Fi kwalunkwe każ, taħt is-sistema ta' imputazzjoni sħiħa adottata minn Malta, m'hemm l-ebda taxxa finali minn ras il-għajn fuq dividendi minbarra t-taxxa dovuta fir-rigward tal-profitti jew *income* tal-kumpannija li minnhom jitħallsu d-dividendi.

Dan il-paragrafu ma jaffettwax it-tassazzjoni tal-kumpannija fir-rigward tal-profitti li minnhom jitħallsu d-dividendi.

3. Il-frażi "dividendi" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn ishma, minn ishma ta' "*jouissance*" jew drittijiet ta' "*jouissance*", ishma fuq minjieri, ishma ta' fundaturi jew drittijiet oħra, li ma jkunux pretensjonijiet ta' debitu, li jipparteċipaw fi profitti, kif ukoll *income* minn drittijiet korporattivi oħra li jingħata l-istess trattament fl-intaxxar bħallikieku kien *income* minn ishma kif hemm fil-liġijiet tal-iStat li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tkun qegħda tagħmel it-tqassim.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tad-dividendi, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor li tiegħu tkun residenti l-kumpannija li tħallas id-dividendi, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun sitwat hemmhekk, jew li jkun jagħmel f'dak l-iStat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita sitwata hemmhekk, u l-*holding* li dwarhom id-dividendi jkunu mħallsa jkollu effettivament x'jaqsam ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, kif ikun il-każ.

5. Meta kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti tikseb profitti jew *income* mill-iStat Kontraenti l-ieħor, dak l-iStat l-ieħor ma jista' jimponi ebda taxxa fuq id-dividendi mħallsa mill-kumpannija, ħlief sakemm dawk id-dividendi jitħallsu lil residenti ta' dak l-iStat l-ieħor jew sakemm il-*holding* li dwaru jitħallsu d-dividendi jkollu effettivament x'jaqsam ma' stabbiliment permanenti jew bażi stabbilita sitwat f'dak Istat l-ieħor, u lanqas ma jista' jassoġġetta l-profitti mhux imqassma tal-kumpannija għal taxxa fuq il-profitti mhux imqassma tal-kumpannija, ukoll jekk id-dividendi mħallsa jew il-profitti mhux imqassma jkunu kollha kemm huma jew f'parti minnhom jikkonsistu fi profitti jew *income* li jinqalgħu f'dak l-iStat l-ieħor.

## Artikolu 11

## *INCOME* MINN PRETENSJONIJIET TA' DEBITU

1. *Income* minn pretensjonijiet ta' debitu li jinqala' fi Stat Kontraenti u mħallas lill-resident ta' l-iStat Kontraenti l-ieħor għandu jkun intaxxat biss fl-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Il-frażi "*income* minn pretensjonijiet ta' debitu" kif tintuża f'dan l-Artikolu tfisser *income* minn pretensjonijiet ta' debitu ta' kull xorta, sew jekk assigurati b'ipoteka sew jekk le, u sew jekk ikollhomx dritt li jipparteċipaw fil-profitti tad-debitur u sew jekk le, u b'mod partikolari, *income* minn titoli tal-Gvern u *income* minn *bonds* jew *debentures*. Ħlasijiet ta' penali għal ħlas tardiv ma jitqiesux bħala pretensjonijiet ta' debitu għall-finijiet ta' dan l-Artikolu.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu ma għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tal-*income* minn pretensjonijiet ta' debitu, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor li fih jinqala' l-*income* minn pretensjonijiet ta' debitu, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, jew jagħmel servizzi personali indipendenti f'dak l-iStat l-ieħor minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u l-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas l-*income* tkun effettivament konnessa ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ, id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, skont il-każ, għandhom japplikaw.

4. Meta, minħabba f'relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejn it-tnejn li huma u xi persuna oħra, l-ammont tal-*income* minn pretensjonijiet ta' debitu, wara li titqies xi tkun il-pretensjoni ta' debitu li dwarha jitħallas, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-ammont l-aħħar imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skont il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, meqjusa b'mod xieraq id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 12

*ROYALTIES*

1. *Royalties* li jinqalgħu fi Stat Kontraenti u li jitħallsu lil residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Madankollu, dawk ir-*royalties* jistgħu jiġu wkoll intaxxati fl-iStat Kontraenti fejn dawn joriġinaw u skont il-liġijiet ta' dak l-iStat, imma jekk min jirċevihom ikun is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, it-taxxa li hekk ikollha titħallas m'għandhiex tkun ta' iżjed minn:

(a) 5 fil-mija tal-ammont totali tar-*royalties* li huma mħallsa għall-użu ta', jew għall-jedd tal-użu ta' tagħmir industrijali, kummerċjali, jew xjentifiku;

(b) 7 fil-mija tal-ammont totali tar-*royalties* f'kull każ ieħor.

3. Il-fraži "*royalties*" kif tintuża f'dan l-Artikolu, tfisser ħlasijiet ta' kull xorta li jsiru b'korrispettiv għall-użu, jew għall-jedd tal-użu, ta' kull dritt tal-awtur ta' xogħol letterarju, artistiku jew xjentifiku inklużi *films* ċinematografiċi, jew *films* jew *tapes* użati għax-xandir tar-radju jew televiżjoni, kull privattiva, *trade mark*, disinn jew mudell, pjan, formula jew proċess sigrieti, jew għall-użu ta', jew il-jedd tal-użu ta' tagħmir industrijali, kummerċjali jew xjentifiku, jew għal informazzjoni dwar konoxxenza industrijali, kummerċjali jew xjentifika.

4. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu m'għandhomx japplikaw jekk is-sid benefiċjarju tar-*royalties*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun qed imexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor fejn jinqalgħu r-*royalties*, permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab hemmhekk, jew ikun qiegħed jagħmel f'dak Istat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallsu r-*royalties* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, skont il-każ, għandhom japplikaw.

5. Ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fi Stat Kontraenti meta min iħallashom ikun residenti ta' dak l-iStat. Meta, madanakollu, il-persuna li tkun qegħda tħallas ir-*royalties*, sew jekk tkun residenti ta' Stat Kontraenti sew jekk ma tkunx, ikollha fi Stat Kontraenti, stabbiliment permanenti jew bażi stabbilita li b'konnessjoni magħha tkun oriġinat ir-responsabbilità li jitħallsu r-*royalties*, u dawk ir-*royalties* jiġġarrbu minn dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita, allura dawk ir-*royalties* għandhom jitqiesu li joriġinaw fl-Istat fejn ikun jinsab l-istabbiliment permanenti jew il-bażi stabbilita.

6. Meta, minħabba fir-relazzjoni speċjali bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju jew bejniethom it-tnejn u xi persuna oħra, l-ammont tar-*royalties*, meta jiġi kkunsidrat x'ikun l-użu, id-dritt jew l-informazzjoni li jitħallsu għalihom, ikun iżjed mill-ammont li kien ikun miftiehem bejn min iħallas u s-sid benefiċjarju li kieku ma kienx hemm dik ir-relazzjoni, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu japplikaw biss għall-aħħar ammont imsemmi. F'dak il-każ, il-parti żejda tal-ħlasijiet għandha tibqa' taxxabbli skont il-liġijiet ta' kull Stat Kontraenti, wara li jitqiesu d-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan il-Ftehim.

## Artikolu 13

## QLIGĦ KAPITALI

1. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' proprjetà immobbli imsemmi fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim u li tkun tinsab fl-iStat Kontraenti l-ieħor jista' jiġi intaxxat f'dak l-iStat l-ieħor.

2. Qligħ mit-trasferiment ta' proprjetà mobbli li tagħmel parti mill-proprjetà tan-negozju ta' stabbiliment permanenti li impriża ta' Stat Kontraenti jkollha fl-iStat Kontraenti l-ieħor jew ta' proprjetà mobbli li tkun tappartjeni għal bażi stabbilita li tkun disponibbli għal residenti ta' Stat Kontraenti fl-iStat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jitwettqu servizzi personali indipendenti, inkluż dak il-qligħ mit-trasferiment ta' dak l-istabbiliment permanenti (waħdu jew flimkien mal-impriża kollha) jew ta' dik il-bażi stabbilita, jista' jiġi intaxxat f'dak Istat l-ieħor.

3. Qligħ mit-trasferiment ta' bastimenti jew inġenji tal-ajru li jkunu qegħdin jiġu operati fi traffiku internazzjonali, jew minn proprjetà mobbli li tkun

tappartjeni għall-operazzjoni ta' dawk il-bastimenti jew inġenji tal-ajru, għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti fejn jinsab il-post ta' tmexxija effettiva tal-impriża.

4. Qligħ li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti mit-trasferiment ta' ishma li jinkisbu iżjed minn 50 fil-mija tal-valur tagħhom direttament jew indirettament mill-proprjetà immobbli li tkun tinsab fl-iStat Kontraenti l-ieħor jista' jigi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

5. Qligħ mit-trasferiment ta' ishma oħra għajr dawk imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu li jirrappreżentaw sehem ta' 20 fil-mija jew aktar ta' kumpannija li tkun residenti ta' Stat Kontraenti jista' jigi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti.

6. Qligħ mit-trasferiment ta' kull proprjetà, li ma tkunx dik imsemmija fil-paragrafi preċedenti għandu jiġi intaxxat biss fl-iStat Kontraenti li min jittrasferixxi jkun residenti fih.

Artikolu 14

SERVIZZI PERSONALI INDIPENDENTI

1. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti għal servizzi professjonali jew attivitajiet oħra ta' xorta indipendenti għandu jiġi intaxxat biss f'dak l-iStat Kontraenti ħlief f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin, meta dak l-*income* jista' jigi intaxxat fl-iStat Kontraenti l-ieħor:

(a) jekk huwa jkollu bażi stabbilita li tkun regolarment disponibbli għalih fl-iStat Kontraenti l-ieħor bil-għan li jwettaq l-attivitajiet tiegħu; f'dak il-każ, ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm ikun attribwibbli għal dik il-bażi stabbilita li jista' jiġi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor; jew

(b) jekk huwa jkun joqgħod fl-iStat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ikunu jammontaw jew jeċċedu 183 ġurnata f'xi perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa inkwistjoni; f'dak il-każ, ikun biss daqstant mill-*income* daqs kemm jinkiseb mill-attivitajiet li jsiru f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor li jista' jigi intaxxat f'dak l-Istat l-ieħor.

2. Il-fraži "servizzi professjonali" tinkludi l-aktar attivitajiet xjentifiċi, letterarji, artistiċi, edukattivi jew ta' tagħlim indipendenti kif ukoll l-attivitajiet indipendenti ta' tobba, avukati, inġinieri, periti, dentisti u *accountants*.

Artikolu 15

SERVIZZI PERSONALI DIPENDENTI

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 16, 18, 19, 20 u 21 ta' dan

il-Ftehim, salarji, pagi u kull kumpens ieħor bħal dak li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti kemm-il darba l-impjieg ma jiġix eżerċitat fl-iStat Kontraenti l-ieħor. Jekk l-impjieg jiġi hekk eżerċitat, dak il-kumpens li jinkiseb minnu jista' jiġi intaxxat f'dak iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti dwar xi impjieg li jkun eżerċitat fl-iStat Kontraenti l-ieħor għandu jiġi intaxxat biss fl-iStat l-ewwel imsemmi jekk:

(a) min jirċevih ikun joqgħod fl-iStat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li b'kollox ma jkunux ta' iżjed minn 183 ġurnata f'perjodu ta' tnax-il xahar li jibda għaddej jew itemm fis-sena ta' taxxa involuta, u

(b) il-kumpens jitħallas minn, jew f'isem, prinċipal li ma jkunx residenti fl-iStat Kontraenti l-ieħor, u

(ċ) il-kumpens ma jkunx ta' piż fuq l-istabbiliment permanenti jew fuq il-bażi stabbilita li l-prinċipal ikollu fl-iStat Kontraenti l-ieħor.

3. Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-Artikolu, il-kumpens li jinkiseb minn impjieg eżerċitat abbord xi bastiment jew inġenji tal-ajru operati fi traffiku internazzjonali jista' jiġi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti fejn jinsab il-post ta' tmexxija effettiva tal-impriża.

Artikolu 16

DRITTIJIET TAD-DIRETTURI

Id-drittijiet tad-diretturi u ħlasijiet simili oħra li jinkisbu minn residenti ta' Stat Kontraenti fil-kapaċità tiegħu ta' membru tal-bord ta' diretturi ta' kumpannija li tkun residenti fl-iStat Kontraenti l-ieħor jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

Artikolu 17

ARTISTI U SPORTIVI

1. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 14 u 15 ta' dan il-Ftehim, *income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti bħala persuni li jagħtu spettaklu, bħala artisti tat-teatru, tal-*films* ċinematografiċi, tar-radju jew tat-televiżjoni, jew bħala mużiċisti, jew bħala sportivi, mill-attivitajiet personali tiegħu bħala tali li jiġu eżerċitati fl-iStat Kontraenti l-ieħor, jistgħu jiġu intaxxati f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Meta *income* dwar attivitajiet personali eżerċitati minn persuna li jagħtu spettaklu jew minn sportivi fil-kapaċità tagħhom bħala tali ma jingħabarx favur il-

persuna li tagħti spettaklu jew l-isportiv innifsu iżda favur xi persuna oħra, dak l-*income* jista', minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 7, 14 u 15 ta' dan il-Ftehim, jiġi intaxxat fl-iStat Kontraenti fejn jiġu eżerċitati l-attivitajiet tal-persuna li tagħti spettaklu jew tal-isportiv.

3. *Income* li jinkiseb minn residenti ta' Stat Kontraenti minn attivitajiet eżerċitati fl-iStat Kontraenti l-ieħor kif previst fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, għandhom jiġu eżentati mit-taxxa f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor jekk iż-żjara f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor tkun għalkollox jew sostanzjalment sostnuta b'fondi tal-Istat Kontraenti l-ewwel imsemmi, minn sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu, jew iseħħ taħt xi ftehim jew arranġament kulturali bejn il-Gvernijiet tal-Istati Kontraenti.

Artikolu 18

PENSJONIJIET

1. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 19 ta' dan il-Ftehim, il-pensjonijiet u kumpens ieħor bħalhom imħallsa lil residenti ta' Stat Kontraenti minħabba f'xi impjieg imgħoddi għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti.

2. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-pensjonijiet imħallsa u ħlasijiet oħra magħmula taħt skema pubblika li huwa parti mis-sistema tas-sigurtà soċjali ta' Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu għandha tkun taxxabbli biss f'dak l-iStat Kontraenti.

Artikolu 19

SERVIZZI TAL-GVERN

1. (a) Salarji, pagi u kull kumpens ieħor bħal dawk, minbarra pensjoni, mħallsa minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtijin lil dak l-iStat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat.

(b) Madankollu, dawk is-salarji, pagi u rimunerazzjoni oħra simili għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor jekk is-servizzi jingħataw f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor u l-individwu jkun residenti f'dak l-iStat Kontraenti u:

(i) jkun ċittadin ta' dak l-iStat Kontraenti; jew

(ii) ma jkunx sar residenti ta' dak l-iStat Kontraenti unikament bil-għan li jagħti dawk is-servizzi.

2. (a) Kull pensjoni u kumpens ieħor bħala mħallsa minn, jew li toħrog

minn fond maħluq minn, Stat Kontraenti jew sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu lil xi individwu għar-rigward ta' servizzi mogħtija lil dak l-iStat jew sottodiviżjoni jew awtorità għandha tiġi intaxxata biss f'dak l-IStat Kontraenti.

(b) Madankollu, dik il-pensjoni u kumpens ieħor bħala għandhom jiġu intaxxati biss fl-iStat Kontraenti l-ieħor jekk l-individwu jkun residenti, u ċittadin, ta' dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

3. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15, 16, 17 u 18 ta' dan il-Ftehim għandhom japplikaw għal kull salarju, paga, pensjoni u kumpens ieħor bħalhom għar-rigward ta' servizzi mogħtija f'dak li għandu x'jaqsam ma' kummerċ ġestit minn Stat Kontraenti jew minn sottodiviżjoni amministrattiva jew awtorità lokali tiegħu.

Artikolu 20

STUDENTI

1. Ħlasijiet li student, apprendist jew apprendist fil-kummerċ li jkun jew kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor u li jkun preżenti fl-iStat Kontraenti l-ewwel imsemmi unikament għall-finijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ tiegħu jirċievi għall-finijiet tal-manteniment, l-edukazzjoni jew it-taħrig tiegħu m'għandhomx jiġu intaxxati f'dak l-iStat, sakemm dawk il-ħlasijiet ikunu joriġinaw minn għejjun minn barra dak l-iStat.

2. Rimunerazzjoni li student, apprendist jew apprendist fil-kummerċ li huwa jew kien residenti ta' Stat Kontraenti jikseb minn xi impjieg li huwa jeżerċita fl-iStat Kontraenti l-ieħor għal perjodu jew perjodi li ma jeċċedux fit-total 183 ġurnata fis-sena fiskali kkonċernata, m'għandhomx jiġu intaxxati f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor jekk l-impjieg huwa direttament relatat mal-istudju jew apprendistat tiegħu.

Artikolu 21

GĦALLIEMA U RIĊERKATURI

Individwu li jkun jew li kien minnufih qabel ma jżur Stat Kontraenti residenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor u li, fuq stedina ta' xi università, kulleġġ, skola jew istituzzjoni edukattiva simili jew istituzzjoni ta' riċerka xjentifika rikonoxxuti, jżur dak l-iStat Kontraenti l-ieħor għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin mid-data tal-wasla tiegħu f'dak l-iStat Kontraenti unikament bil-għan li jgħallem jew jirriċerka jew it-tnejn f'dik l-istituzzjoni edukattiva jew ta' riċerka, għandu jkun eżenti mit-taxxa f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor fuq kull rimunerazzjoni miksuba mit-tagħlim jew riċerka.

Artikolu 22

*INCOME* IEĦOR

1. Elementi ta' *income* ta' residenti ta' Stat Kontraenti, jinqalgħu minn fejn jinqalgħu, li ma jkunux ittrattati fl-Artikoli ta' hawn aktar qabel ta' dan il-Ftehim għandhom jiġu intaxxati biss f'dak l-iStat.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għal *income*, li ma jkunx *income* minn proprjetà immobbli kif imfissra fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim, jekk min jirċievi dak l-*income*, li jkun residenti ta' Stat Kontraenti, ikun imexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jkun jinsab f'dak l-Istat, jew iwettaq f'dak l-iStat l-ieħor servizzi personali indipendenti minn bażi stabbilita li tkun tinsab hemmhekk, u d-dritt jew il-proprjetà li dwarhom jitħallas l-*income* ikunu effettivament konnessi ma' dak l-istabbiliment permanenti jew bażi stabbilita. F'dak il-każ għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 jew tal-Artikolu 14 ta' dan il-Ftehim, skont il-każ.

Artikolu 23

METODI TA' ELIMINAZZJONI TA' TAXXA DOPPJA

1. Meta residenti ta' Stat Kontraenti jikseb *income* li, skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, jistgħu jiġu intaxxati fl-iStat Kontraenti l-ieħor, l-iStat Kontraenti l-ewwel imsemmi għandu jippermetti kreditu mit-taxxa fuq l-*income* ta' dak ir-residenti, ammont li jkun daqstant daqs kemm tkun it-taxxa li titħallas fl-iStat Kontraenti l-ieħor.

Dan il-kreditu ma għandux, madanakollu, ikun iżjed minn dik il-parti tat-taxxa fuq l-*income*, kif maħduma qabel ma jingħata l-kreditu, u li tkun attribwit lill-*income* li jkun jista' jiġi intaxxat f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor.

2. Fil-każ tar-Renju tal-Għarabja Sawdita, il-metodi għall-eliminazzjoni tat-taxxa doppja ma jippreġudikawx id-dispożizzjonijiet tar-reġim ta' ġbir taż-Żakat fir-rigward ta' ċittadini tar-Renju tal-Għarabja Sawdita.

Artikolu 24

PROĊEDURA TA' FTEHIM REĊIPROKU

1. Meta persuna jidhrilha li l-azzjonijiet ta' xi wieħed jew taż-żewġ Stati Kontraenti jirriżultawlu jew jistgħu jirriżultawlu f'intaxxar li ma jkunx kif hemm fid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, huwa jista', irrispettivament mir-rimedji provduti mil-liġi domestika ta' dawk l-iStati, jippreżenta l-każ tiegħu quddiem l-awtorità kompetenti tal-iStat Kontraenti fejn huwa jkun residenti. Il-każ għandu jigi ppreżentat fi żmien tliet snin mill-ewwel notifika tal-azzjoni li tirriżulta f'intaxxar li ma jkunx skont id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim.

2. L-awtorità kompetenti għandha tipprova, jekk l-oġġezzjoni tkun tidher li hi waħda ġustifikata u jekk hi nnifisha ma tkunx tista' tasal għal soluzzjoni sodisfaċenti, tirrisolvi l-każ bi ftehim reċiproku mal-awtorità kompetenti tal-iStat Kontraenti l-ieħor, bil-għan li tiġi evitata tassazzjoni li ma jkunx skont kif hemm fil-Ftehim. Kull ftehim milħuq għandu jiġi implimentat minkejja kull terminu ta' żmien fil-liġi domestika tal-iStati Kontraenti.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jippruvaw jirrisolvu permezz ta' ftehim reċiproku kull diffikultà jew dubbju li jista' jirriżulta dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tal-Ftehim. Dawn jistgħu wkoll jikkonsultaw flimkien dwar l-eliminazzjoni ta' taxxa doppja f'dawk il-każijiet li m'hemm xejn provdut dwarhom fil-Ftehim.

4. L-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin bl-iskop li jilħqu ftehim fis-sens tal-paragrafi preċedenti.

5. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Kontraenti jistgħu permezz ta' ftehim reċiproku jirranġaw il-mod xieraq ta' applikazzjoni ta' dan il-Ftehim u, speċjalment, il-ħtigiet li għalihom ir-residenti ta' Stat Kontraenti għandhom jiġu suġġetti sabiex jiksbu, fl-iStat Kontraenti l-ieħor, l-eżenzjonijiet mit-taxxa jew eżenzjonijiet previsti minn dan il-Ftehim.

Artikolu 25

SKAMBJU TA' INFORMAZZJONI

1. L-awtoritajiet kompetenti tal-iStati Kontraenti għandhom jiskambjaw dik l-informazzjoni li tista' tidher li tkun meħtieġa għat-twettiq tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim jew tal-liġijiet domestiċi tal-Istati Kontraenti li jirrigwardaw taxxi koperti bil-Ftehim sakemm l-intaxxar li jsir taħthom ma jkunx kuntrarju għall-Ftehim. L-iskambju ta' informazzjoni m'huwiex ristrett bl-Artikolu 1 ta' dan il-Ftehim.

2. Kull informazzjoni li tiġi riċevuta taħt il-paragrafu 1 minn Stat Kontraenti għandha tiġi trattata bħala waħda sigrieta bl-istess mod bħall-informazzjoni miksuba taħt il-liġijiet domestiċi ta' dak l-iStat u għandha tiġi żvelata biss lil persuni jew lil awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) li jkollhom x'jaqsmu mal-istima jew fil-ġbir ta', l-infurzar jew prosekuzzjoni dwar, jew id-deċizjoni ta' appelli dwar it-taxxi msemmija fil-Ftehim. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni biss għal dawk l-għanijiet. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċeduri tal-qorti bil-miftuħ jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji.

3. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jiftiehmu bħala li jimponu fuq Stat Kontraenti l-obbligu:

(a) li jwettaq miżuri amministrattivi li ma jkunux jaqblu mal-liġijiet

u mal-prattika amministrattiva ta' dak l-iStat Kontraenti jew tal-iStat Kontraenti l-ieħor;

(b) li jagħti informazzjoni li ma tkunx tista' tinkiseb taħt il-liġijiet jew fil-kors normali tal-amministrazzjoni ta' dak l-iStat Kontraenti jew tal-iStat Kontraenti l-ieħor;

(ċ) li jagħti informazzjoni li tikxef xi sigriet ta' sengħa, negozju, industrija, kummerċ jew professjoni jew proċess ta' kummerċ, jew informazzjoni, li meta tiġi żvelata din tkun tmur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

4. Jekk tintalab informazzjoni minn Stat Kontraenti skont dan l-Artikolu, l-iStat Kontraenti l-ieħor għandu juża l-mezzi ta' ġbir ta' informazzjoni li jkollu biex jikseb l-informazzjoni mitluba, ukoll jekk dak l-iStat l-ieħor jista' ma jkunx jeħtieġ dik l-informazzjoni għall-finijiet tat-taxxa tiegħu. L-obbligu msemmi fis-sentenza ta' qabel hu soġġett għal-limitazzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu iżda f'ebda każ m'għandhom dawk il-limitazzjonijiet jiftiehmu li jippermettu lil Stat Kontraenti li jirrifjuta li jipprovdi xi informazzjoni unikament għax ma jkollu ebda interess domestiku f'dik l-informazzjoni.

5. F'ebda każ m'għandhom id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jiftiehmu li jippermettu lil Stat Kontraenti li jirrifjuta li jipprovdi xi informazzjoni unikament għax dik l-informazzjoni tkun qegħda tinżamm minn xi bank, istituzzjoni finanzjarja oħra, *nominee* jew persuna oħra li taġixxi f'kapaċità ta' aġenzija jew fiduċjarja jew għax ikollha x'taqsam ma' interessi fi proprjetà f'xi persuna.

Artikolu 26

MEMBRI TA' MISSJONIJIET DIPLOMATIĊI U KARIGI KONSULARI

Ebda ħaga f'dan il-Ftehim m'għandha tolqot il-privileġġi fiskali tal-membri ta' missjonijiet diplomatiċi jew ta' karigi konsulari taħt ir-regoli ġenerali tad-dritt internazzjonali jew taħt id-dispożizzjonijiet ta' kull ftehim speċjali.

Artikolu 27

DISPOŻIZZJONIJIET MIXXELLANJI

Ebda ħaġa f'dan il-Ftehim ma għandu jaffettwa l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet domestiċi biex jipprevjenu l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa.

Artikolu 28

BIDU FIS-SEĦĦ

1. Kull Stat Kontraenti għandu javża lill-ieħor permezz tal-kanali diplomatiċi li jkun temm il-proċeduri meħtieġa bil-liġijiet tiegħu biex dan il-Ftehim jinġieb fis-seħħ. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tat-tieni xahar wara x-xahar li fih jiġi riċevut l-aħħar minn dawk l-avviżi.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim għandu jkollhom effett:

(a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn, fuq ammonti mħallsa fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jkun jaħbat minnufih wara d-data li fiha jibda jseħħ il-Ftehim; u

(b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għas-snin taxxabbli li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar li jkun jaħbat minnufih wara d-data li fiha jibda jseħħ il-Ftehim.

Artikolu 29

TERMINAZZJONI

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal żmien indefinit iżda kull wieħed mill-Istati Kontraenti jista' jtemm il-Ftehim, permezz ta' kanali diplomatiċi, billi jagħti lill-iStat Kontraenti l-ieħor avviż bil-miktub tat-terminazzjoni mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' xi sena kalendarja li tibda ħames snin wara s-sena li fiha l-Ftehim ikun daħal fis-seħħ.

2. F'dak il-każ il-Ftehim m'għandux jibqa' japplika:

(a) għar-rigward ta' taxxi li jinżammu minn ras il-għajn fuq ammonti mħallsa wara it-tmiem tas-sena kalendarja li fiha jkun ingħata l-avviż; u

(b) għar-rigward ta' taxxi oħra, għas-snin taxxabbli li jibdew wara it-tmiem tas-sena kalendarja li fiha jkun ingħata l-avviż.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'żewġ oriġinali f'Riyadh, fl-4 ta' Jannar, 2012 li tikkorrispondi għall-10 jum ta' Safar 1433, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Għarbi, kull wieħed miż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

| | |
|---|---|
| Għall-Gvern ta' Malta | Għall-Gvern tar-Renju tal-Għarabja Sawdita |
| Tonio Borg | Ibrahim A. Al-Assaf |
| Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin | Ministru tal-Finanzi |

B 432

# PROTOKOLL

Filwaqt tal-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Gvern ta' Malta u l-Gvern tar-Renju tal-Għarabja Sawdita għall-evitar ta' taxxa doppja u l-prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi fuq l-*income*, is-sottoskritti ftiehmu dwar dawn id-dispożizzjonijiet li ġejjin li għandhom jiffurmaw parti integrali ta' dan il-Ftehim.

1. B'referenza għall-Artikolu 4 (Residenza) huwa mifhum li l-fraži "residenti ta' Stat Kontraenti" tinkludi:

(a) skema ta' pensjoni stabbilita f'dak l-iStat; u

(b) organizzazzjoni li hija stabbilita u operata esklussivament għal finijiet reliġjuži, karitatevoli, xjentifiċi, kulturali jew edukattivi (jew għal aktar minn waħda minn dawk il-finijiet) u li tkun residenti ta' dak l-iStat skont il-liġijiet tiegħu, minkejja li jkollha l-*income* jew il-qligħ kollu tagħha jew parti minnu li ma jkunx suġġett jew eżenti mit-taxxa f'dak l-Istat.

2. B'referenza għall-Artikolu 7 (Profitti minn Negozju) huwa mifhum li:

(a) Profitti minn negozju miksuba minn impriża ta' Stat Kontraenti mill-esportazzjoni ta' merkanzija lill-iStat Kontraenti l-ieħor m'għandhomx ikunu intaxxati f'dak l-iStat Kontraenti l-ieħor. Meta kuntratti ta' esportazzjoni jinkludu attivitajiet oħra mwettqa fl-iStat Kontraenti l-ieħor, profitti miksuba minn dawn l-attivitajiet jistgħu ikunu intaxxati fl-iStat Kontraenti l-ieħor.

(b) Il-fraži "profitti minn negozju" tinkludi, iżda mhux limitata għal, *income* miksub minn manifattura, attivitajiet merkantili, bankarji, assigurazzjoni, mill-operat ta' trasport fuq l-art, l-għoti ta' servizzi u l-kiri ta' proprjetà mobbli tanġibbli personali. Din il-fraži ma tinkludix l-għoti ta' servizzi personali minn individwu jew bħala impjegat jew f'kapaċità indipendenti.

3. B'riferenza għall-Artikolu 10 (dividendi) huwa mifhum li:

(a) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2(b) tal-Artikolu 10 għandhom jibqgħu japplikaw f'Malta sakemm Malta tibqa' topera s-sistema ta' imputazzjoni sħiħa ta' tassazzjoni fuq il-profitti ta' kumpannija u tad-distribuzzjoni sussegwenti ta' dawn il-profitti lill-azzjonisti tal-kumpannija. Jekk din is-sistema preżenti tinbidel, l-iStati Kontraenti għandhom jikkonsultaw ma' xulxin sabiex jikkunsidraw jekk xi tibdil fis-sistema ta' tassazzjoni f'Malta tkun teħtieġ xi reviżjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10.

(b) Minkejja kull dispożizzjoni ta' dan il-Ftehim, profitti ta' kumpannija ta' Stat Kontraenti li tmexxi negozju fl-iStat Kontraenti l-ieħor permezz ta' stabbiliment permanenti li jinsab hemmhekk jistgħu, wara li

VERŻJONI ELETTRONIKA



jkunu ġew intaxxati taħt l-Artikolu 7, jiġu intaxxati fuq l-ammont li jibqa' fl-iStat Kontraenti fejn hemm l-istabbiliment permanenti u t-taxxa hekk imposta ma għandhiex tkun iżjed minn 5 fil-mija.

4. B'riferenza għall-Artikolu 25 (Skambju ta' Informazzjoni) huwa mifhum li informazzjoni riċevuta skont l-istess Artikolu għandha tiġi użata biss għal finijiet ta' taxxi koperti minn dan il-Ftehim.

B'XIEHDA TA' DAN is-sottoskritti, awtorizzati kif imiss biex jagħmlu dan mill-Gvernijiet rispettivi tagħhom, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ oriġinali f'Riyadh, fl-4 ta' Jannar, 2012 li tikkorrispondi għall-10 jum ta' Safar 1433, fl-ilsien Ingliż u fl-ilsien Għarbi, kull wieħed miż-żewġ testi awtentiċi ndaqs.

| | |
|---|---|
| Għall-Gvern ta' Malta | Għall-Gvern tar-Renju tal-Għarabja Sawdita |
| Tonio Borg | Ibrahim A. Al-Assaf |
| Deputat Prim Ministru u Ministru tal-Affarijiet Barranin | Ministru tal-Finanzi |